MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2009

Appell Civili Numru. 39/2007/1

**Ian Xuereb**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Dicembru 2007 fil-kompetenza "kostituzzjonali" u "konvenzjonali" taghha, li permezz

taghha dik il-Qorti cahdet talba maghmula minn Ian Xuereb ghalbiex l-Artikolu 586 tal-Kodici Kriminali jigi dikjarat li jivjola l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**2.** Permezz ta’ rikors presentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Gunju 2007, ir-rikorrent fisser li huwa kien ghaddej proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fuq akkuzi *inter alia* ta’ traffikar ta’ droga eroina. Spjega li huwa kien inghata l-helsien mill-arrest fil-pendenza tal-proceduri kontra tieghu bil-kundizzjoni, fost ohrajn, illu huwa jaghmel tajjeb ghal tali helsien b’garanzija personali ta’ tlett elef lira Maltin. Kompla jfisser li huwa kien kiser il-kundizzjoni tal-helsien mill-arrest u ghalhekk spicca arrestat mill-gdid. Sussegwentement ir-Registratur tal-Qorti pprezenta rikors fit-terminu ta’ l-Artikolu 585 tal-Kodici Kriminali sabiex il-garanzija personali tigi konvertita f’sittin[1] gurnata habs u dan peress li huwa ma kienx f’posizzjoni li jhallas dan l-ammont. Fl-udjenza tat-13 ta Gunju – is-sena ma hix indikata fir-rikors promotorju[2] –huwa talab lill-Qorti Inferjuri biex tissoprassjedi u ma taghtix decizjoni fir-rigward ta’ dak ir-rikors tar-Registratur u dan peress illi huwa kien bi hsiebu jintavola rikors kostituzzjonali “sabiex jittanta jimpunja l-artikolu tal-ligi relattiv”. Kompla jfisser li huwa kien tal-fehma li l-imsemmi Artikolu 586 tal-Kap. 9 kien jilledi d-drittijiet fondamentali tieghu “kif sangiti [recte: sanciti] fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali”. Ir-raguni ghal tali vjolazzjoni, skond ir-rikorrent, tikkonsisti fil-fatt illi filwaqt li l-Artikolu 11 tal-Kodici Kriminali meta jitratta dwar il-konversjoni ta’ multa fi prigunerija jipprovdi ghal “capping” jew “ceiling”, l-imsemmi Artkolu 586 ma jipprovdi ghal ebda tali “capping”, b’mod li l-ammont dovut jigi konvertit bir-rata ta’ – kif kien qabel l-adozzjoni tal-Euro – gurnata detenzjoni ghal kull hames liri. Wara li

[1] Recte: sitt mitt.

[2] Jidher, pero`, li l-udjenza kienet dik tat-13 ta’ Gunju 2007 – ara fol. 210 tal-attijiet tal-kawza penali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) v. Ian Xuereb** li gew allegati konformement mal-verbal tat-28 ta’ April 2008 redatt minn din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali.

jikkwota mis-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg tal-25 ta' April 1978 fl-ismijiet **Tyrer v. United Kingdom**, ir-rikorrent ikompli hekk: *"L-esponent jghid li fic-cirkostanzi tal-kawza odjerna l-misuri ta' l-Artkolu 586 tal-Kodici Kriminali minhabba n-natura u l-kuntest taghhom jipprovdu ghal piena li hija eccessiva u mhux proporzjonata ghar-reat kommess. L-esponent isostni illi wiehed mis-sisien tal-Konvenzjoni Ewropeja hija illi tipprotegi l-individwu mill-inflizzjoni ta' piena eccessivi* [recte: eccessiva] *u mhux proporzjonati* [proporzjonata] *ghar-reat kommess."* Ghalhekk ir-rikorrent Ian Abdilla talab lill-Prim Awla (1) tiddikjara li l-Artikolu 586 tal-Kap. 9 imur kontra d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent protetti bl-Artikoli 36 u 3 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament, u (2) taghti dawk il-provvedimenti opportuni u xierqa sabiex huwa jkollu rimedju effettiv.

**3.** Fir-risposta taghhom tat-22 ta' Gunju 2007 (fol. 7), il-Prim Ministru u l-Avukat Generali fissru li l-Artikolu 586 ma jilledi ebda dritt fondamentali kif qed jippretendi r-rikorrent Xuereb. Fakkru li kien ir-rikorrent innifsu li accetta li jidhol f'garanzija personali u, per konsegwenza, *"ic-cirkostanzi li llum jinsab fihom m'humiex nuqqas tas-sistema gudizzjarja izda konsegwenza ta' l-agir irresponsabbli tieghu stess."* L-intimati jkomplu hekk: *"Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu 586 tal-Kodici Kriminali huwa ghal kollox legittimu, u fi kwalunkwe hin il-ligi tippermetti illi kemm-il darba huwa jonora l-obbligu, huwa ma jibqax fi stat ta' detenzjoni, ezempju car ta' kif il-kuncett ta' proporzjonalita` kontemplat fil-Konvenzjoni Ewropea huwa rifless fil-ligi."* Konsegwentement l-intimati talbu li l-ewwel Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrent.

**Is-sentenza appellata**

**4.** Wara li quddiem l-ewwel Qorti gew anke skambjati noti ta' osservazzjoni, dik il-Qorti, b'sentenza moghtija fl-14 ta' Dicembru 2007, irrespingiet it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu. Dan ghamlitu wara li osservat u kkunsidrat is-segwenti:

"FATTI

“Illi dwar il-fatti kemm ir-rikorrent kif ukoll l-intimati jaqblu dwarhom u giet prezentata nota kongunta f’dan is-sens. (ara fol 18). Fi ftit kliem il-fatt kienu kif gej:

“Ir-rikorrent ghaddej proceduri kriminali u ghamel garanzija personali ta’ Lm3,000 biex jinghata l-liberta` provvisorja.

”Ir-rikorrent kiser kondizzjoni tal-liberta` provisorja u ghalhekk rega’ gie arrestat.

”Ir-Registratur tal-Qorti talab li fit-terminu ta’ l-Artikolu 586 tal-Kap 9 il-garanzija personali tigi konvertita f’600 gurnata habs (Lm5 ghal kull gurnata).

”KONTESTAZZJONI

”Ir-rikorrent qed jilmenta li l-mizuri kontemplati taht l-Artikolu 586 tal-Kodici kriminali jipprovdu piena li hija eccessiva u mhiex proporzjonanata ghar-reat kommess, u dan iwassal ghal ksur ta’ l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta. Hu jsostni li a differenza ta’ l-Artikolu 11 tal-Kap 9, l-artikolu 586 ma jiffissax massimu ta’ zmien illi wiehed jista’ jittiehed f’prigunerija jekk ma jhallasx il-multa imposta.

“Ir-rikorrent jissottometti wkoll li hu qed isofri piena jew trattament inuman li jmur oltre *“the inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate punishment”* (Soering). Anzi hu jghid li l-piena mhiex legittima. Ir-rikorrent ghalhekk talab bhala rimedju li jigi dikjarat li d-drittijiet fundamentali tieghu gew lezi, li jigi rilaxxjat mill-habs b’effett immedjat u li l-Artikolu 586 jigi dikjarat inkostituzzjonali.

“Minn naha l-ohra l-intimati wiegbu li:

<u>“L-Artikolu 586 tal-Kap 9 ma jammontax ghal piena.</u>

“Huma jissottomettu li dan l-artikolu jirregola sitwazzjoni fejn persuna ma tkunx onorat l-obbligi taghha ta’ hlas ta’

garanzija personali u tista’ tinzamm detenuta sakemm thallas dik is-somma mentri l-artikolu 11 jirregola l-bdil ta’ multa li persuna tkun wehlet ghal reat fi zmien ta’ prigunerija.

<u>“L-Artikolu 586 mhux nieqes mill-element ta’ proporzjonalita`</u>

“L-intimati jirritjenu li l-artikolu 586 irid jinqara ma’ l-Artikolu 584 li jipprovvdi  kif l-ammont tal-garanzija ghandu jigi regolat, u ma l-Artikolu 576 li jindika c-cirkostanzi li ghandhom jitqiesu biex tigi stabbilita l-garanzija. Il-Qorti timponi l-garanzija xierqa skond in-natura u l-gravita` tar-reat, mehuda c-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta’ l-imputat. Skond l-intimati, fil-kaz in ezami l-ammont ta’ garanzija impost mill-Qorti tal-Magistrati mhux sproporzjonat jew eccessiv meta wiehed jikkunsidra r-reat li dwarhu r-rikorrent hu akkuzat (traffikar ta’ erojina) u l-piena li hu jista’ jehel (sa ghaxar snin prigunerija).

<u>“L-Artikolu 586 ma jammontax ghal ksur ta’ l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja</u>

“Id-detenzjoni kontemplata fl-Artikolu 586 ma tinkwadrax bhala trattament inhuman jew degradanti. Anke jekk kellha kunsidrata bhala piena, dina l-“piena” mhiex inumana jew degradanti. Biex trattament bhal dak mahsub fl-Artikolu 586 imur kontra l-Artikolu 3, mhux bizzejjed li d-detenzjoni tkun fit-tul imma irid ikun hemm prezenti elementi aktar gravi li jirrizultaw mill-esekuzzjoni tal-piena nnifisa jew ta’ dak it-trattament. Inoltre, skond il-gurisprudenza dak it-trattament irid ikun wkoll premeditat, izda fil-kaz ta’ l-Artikolu 586 ma hemm xejn dwar l-esekuzzjoni ta’ dina l-mizura preventiva.

“KONSIDERAZZJONIJIET

“Ir-rikorrent qed jibbaza t-talba tieghu fuq l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dawn l-artikoli huma kwazi identici fil-portata u s-sinjifikat taghhom u ghalhekk se jigu trattati flimkien.

***36(1): Hadd ma ghandu jigi assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti.***

***3: Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti.***

"Piena

"Ir-rikorrent jilmenta li l-mizuri kontemplati taht l-Artikolu 586 tal-Kodici kriminali jipprovdu piena li hija eccessiva u mhiex proporzjonata ghar-reat kommess, u dan ghandu jigi kunsidrat bhala trattament inuman u degradanti.  Waqt li l-Artikolu 11 tal-Kap 9, jiffissa massimu kemm wiehed jista' jibqa' mizmum f'prigunerija, l-Artikolu 586 ma jiffissax massimu.

"L-Artikolu 586(1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi:

***Kull min jigi arrestat minhabba li ma jkunx hallas is-somma li ghaliha jkun obbliga ruhu, ghandu jinzamm f`detenzjoni ghal zmien ta` mhux aktar minn gurnata ghal kull hames liri ta` dik is-somma, sew jekk dik il-persuna tkun l-imputat jew l-akkuzat sew jekk tkun il-plegg***.

"L-Artikolu 11 tal-Kodici Kriminali jipprovvdi li :

***(3) Il-multa, meta ma tithallasx fiz-zmien stabbilit fl-artikolu 14, tinbidel fi prigunerija bir-rata ta' gurnata ghal kull hames liri:***

***Izda f'ebda kaz (hlief f'dak imsemmi fl-artikolu 17(g) u fl-artikolu 29(1)) il-prigunerija minflok il-multa m'ghandha tiskorri z-zmien ta' sitt xhur jekk il-multa ma tkunx aktar minn elfejn lira, sena jekk il-multa ma tkunx aktar minn ghaxart elef lira, tmintax-il xahar jekk il-multa ma tkunx aktar minn tletin elf lira u sentejn jekk il-multa tkun aktar minn tletin elf lira.***

"Illi l-Artikolu 11 qieghed f'dik il-parti tal-Kodici Kriminali, fl-Ewwel Parti, Titolu I, FUQ IL-PIENI U R-REGOLI

GENERALI DWAR KIF IL-PIENI GHANDHOM JIG MOGHTIJA.

“L-Artikolu 11 jirrigwarda kazijiet fejn persuna tkun giet “kkundannata” fuq reat kommess thallas multa u ghax ma tithallasx tigi konvertita f’prigunerija mentri l-Artikolu 586 jirreferi ghal kaz fejn wiehed jitlef il-liberta’ provvisorja u jkollu jhallas il-garanzija li jkun hareg u jekk ma tithallasx jinzamm f’detenzjoni gurnata ghall kull hames liri. L-Artikolu 586 mhux qed jipprovdi “piena” ghal xi “reat kommess” imma huwa hlas lura ta’ garanzija personali.

“Fil-kaz ta’ l-Artikolu 11 il-ligi titkellem dwar konversjoni ta’ piena konsistenti f’multa f’ “prigunerija”, mentri l-Artikolu 586 jitkellem dwar “detenzjoni”, u mhux piena ta’ prigunerija. “*The aim of detention must be to secure the fulfilment of the obligation, not to punish. It was primarily intended to cover the situation where a person has wilfully or negligently failed to perform an obligation*[3] (Karen Reid. A Practitioner’s guide to the European Convention page 184).

“L-Artikolu 586 tant mhux kaz ta’ “piena” ghal reat kommess bhal ma hu l-artikolu 11, li l-ligi tipprovvdi li persuna tinzamm f`detenzjoni sew jekk tkun l-imputat, l-akkuzat jew ta’ min jaghmel il-plegg. Dawn mhumiex persuni li jkunu nstabu hatja ta’ xi reat. Fil-fatt fil-kaz tal-plegg kontra dan lanqas ma jkunu ghaddejjin proceduri kriminali.

“Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li dak li hemm dispost fl-Artikolu 586 ma jammontax ghal piena.

”Eccessiva u sproporzjonata

“Ir-rikorrent isostni l-kuntrarju, cjoe` li hemm “piena” involuta, izda l-Qorti anke kieku kellha taccetta dak li qed isostni r-rikorrent, hi tal-fehma li fic-cirkostanzi tal-kaz, ma

[3] Ir-regola li tohrog mill-Artikolu 585(1) tal-Kap 9 hi li l-persuna tigi arrestata u tinzamm arrestata sa ma thallas. Proprju biex dik il-persuna ma tinzammx detenuta indefinittivament, l-Artikolu 586(1) jipprovdi li dik id-detenzjoni ma tistax tkun ta’ aktar minn gurnata ghal kull hames liri.

hemm xejn eccessiv jew sproporzjonat f'dak li jiddisponi l-Artikolu 586 fir-rigward ta' dak li jista' jehel ir-rikorrent.

"Meta f'dana il-kaz Il-Qorti tal-Magistrati ffissat is-somma ta' garanzija personali li kellu jressaq ir-rikorrent hija ma ghamlitx dana arbitrarjament imma mxiet fuq dak li tipprovvdi l-ligi, fl-Artikolu 576 tal-Kap 9, fejn l-ammont tal-garanzija jigi stabbilit fil-limiti tal-ligi, skond il-kondizzjoni ta' l-imputat, ix-xorta u l-kwalità tar-reat, u z-zmien tal-piena li ghaliha r-reat ikun suggett. Imbaghad fl-Artikolu 584 hemm provvdut kif kellu jigi regolat l-ammont tal-garanzija.

"Fil-kaz in ezami il-Qorti ffissat ammont ta' Lm3,000 bhala garanzija personali ghal reat ta' traffikar ta' eroina u li jgib mieghu piena sa ghaxar snin prigunerija.

"Il-Qorti tal-Magistrati kienet iffissat dan l-ammont ta' garanzija personali li r-rikorrent kien accetta. Hu ma kienx ilmenta dwar il-*quantum* tal-garanzija personali, lanqas li b'dak l-ammont hu tpogga f'posizzjoni li setgha ma jwettaqx l-obbligi tieghu. Ghalhekk meta r-rikorrent accetta dak l-ammont hu accetta li kellu jhallas dik is-somma f'kaz li jikser xi kundizzjoni imposta fuqu u ma jistax issa jghid li dawk il-konsegwenzi huma eccessivi. Hu kien jaf li jekk jikser il-kondizzjonijiet imposti kellu jhallas dak l-ammont u fin-nuqqas jehel detenzjoni ghal zmien ta' mhux aktar minn gurnata ghal kull hames liri ta' dik is-somma.

"Ghalkemm jidher li l-Artikolu 586 tal-Kodici Kriminali ma jiffissax massimu ta' zmien illi wiehed jista' jinzamm f'detenzjoni jekk ma jhallasx il-garanzija, it-terminu hu diga iffissat meta l-Qorti tiddeciedi l-ammont li ghandu jinhareg bhala garanzija. Ghalhekk il-Qorti ma ssib li hemm ebda ksur ta' xi dritt fundamental tar-rikorrent billi z-zmien tad-detenzjoni hu marbut mas-somma tal-garanzija li johrog, u li hu jkun jaf bih u jaccetta. Fil-kaz in ezami meta l-Qorti ffissat l-ammont tal-garanzija hi kienet iddeterminat minn qabel iz-zmien ta' detenzjoni li r-rikorrent jista jehel jekk ma jhallasx u r-rikorrent kien accetta li jaghmel dina l-garanzija.

“Tratttament inuman

“Naturalment il-fatt li r-rikorrent jista’ jiskonta perijodu ta’ detenzjoni jekk jonqos li jhallas l-ammont dovut ma jfissirx li r-rikorrent necessarjament se jigi trattat inumanament. Ir-rikorrent dejjem ghandu l-ghazla li jhallas l-ammont mitlub u jwettaq l-obbligi minnu assunti u b’hekk jevita li jghaddi anke gurnata wahda ta’ detenzjoni. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tghid min issa jekk id-detenzjoni se tkun eccessiva jew inhumana u kemm se ddum.

“Biex ikun hemm trattament inuman u degradanti, l-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem trid li:

*In order to constitute a violation of Article 3 the treatment in question must attain a minimum degree of severity. Appraisal of this minimum degree is by its very essence relative; it depends on all the circumstances of the case, and in particular the nature and context, and the duration of the treatment, its physical or mental effects, and, sometimes, the sex, age, and the state of the person concerned.* (Ireland v. U.K. 1978; Tyrer vs U.K. 1978),

*The Court in one case considered the treatment both “inhuman”, because it had been applied with premeditation and for hours at a stretch, and had caused “if not actual bodily injury, at least intense physical and mental suffering”, and “degrading” because it was such as to arouse in its victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them and possibly breaking their physical or moral resistence*. ( Ireland vs U.K. Soering vs U.K).

*On the other hand, the Court has consistenly stressed that the suffering and humiliation involved must in any event go beyond that inevitable element of suffering or humiliation concerned with a given form of legitimate treatment or punishment.* (Tyrer vs U.K. Soering vs U.K. and V vs UK.).

“F’dan il-kaz din il-Qorti tara li ma jezistux l-estremi tad-dritt invokat mir-rikorrent taht l-Artikolu 3. Dak li jista’ sehh

jekk il-garanizja personali tigi konvertita f'detenzjoni ma jistax iwassal ghal grad ta' severita` li jridu kemm il-Qrati Maltin, kif ukoll il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'dan ir-rigward. Kif gja nghad jibqa' dejjem miftuh ghar-rikorrent li jwettaq l-obbligu minnu assunt u accettat u jhallas."

**<u>L-appell tar-rikorrent</u>**

**5.** Ir-rikorrent Ian Xuereb appella minn din is-sentenza. Huwa ressaq tlett aggravji li huma, bazikament is-segwenti:

- li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta rriteniet li d-"detenzjoni" kontemplata fl-Artikolu 586 tal-Kap. 9 ma hix "piena" ghall-finijiet tal-Artikoli 36(1) u 3 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament;
- li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta rriteniet li l-fatt li z-zmien tal-habs iffissat mill-Artikolu 586 kien marbut mas-somma tal-garanzija (liema somma ma tigix, skond dik il-Qorti, iffissata arbitrarjament), iwassal bhala konsegwenza ghall-fatt li ma gewx lezi d-drittijiet tieghu kif protetti bl-imsemmija Artikolu 36(1) u 3; u
- li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta rriteniet li ma jezistux l-estremi ta' trattament degradanti fid-detenzjoni li huwa jkollu jiskonta jekk ma jhallasx l-ammont in kwistjoni.

**6.** Jigi osservat li dawn l-argumenti huma in essenza l-istess argumenti mressqa mill-appellant, allura rikorrent, quddiem l-ewwel Qorti.

**7.** Issa, apparti konsiderazzjonijiet ohra, din il-Qorti diga` kellha l-okkazjoni tiddeciedi fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar 2008 fl-ismijiet **Lawrence Gatt v. L-Onorevoli Prim Ministru et** li z-zamma ta' persuna (l-imputat/akkuzat jew il-plegg) f'detenzjoni minhabba nuqqas ta' hlas tas-somma li ghaliha jkun obbliga ruhu <u>ma jammontax ghal trattament jew piena inumana jew degradanti</u>. F'dak il-kaz addirittura s-somma tal-garanzija kienet ta' Lm10,000, u mhux semplici Lm3,000 bhalma huwa l-kaz odjern. Din il-Qorti, f'dik il-kawza ta' **Gatt**, qalet hekk:

"Dana l-artikolu ma jimponix "piena" ghal jew minhabba xi "reat" – u dan minkejja li llum il-ksur ta' kundizzjoni tal-helsien mill-arrest tammonta wkoll ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew multa, jew prigunerija u multa flimkien[4]. Dan johrog car mill-fatt li din is-disposizzjoni – 586(1) – tapplika kemm ghall-imputat jew akkuzat li jkun inghata l-helsien mill-arrest preventiv, <u>kif ukoll ghall-plegg</u>[5] ossia ghat-terz idoneju li jidhol garanti fis-somma li tkun stabbiliet il-Qorti (Art. 577(1)). Dana l-plegg evidentement ma jkun, u ma jsir, hati ta' xejn meta l-akkuzat jew imputat jiddeciedi li ma josservax xi kundizzjoni tal-garanzija ghall-helsien mill-arrest; li jigri hu li bil-ksur ta' dik il-kundizzjoni, u kemm il-darba l-Qorti ma tkunx tal-fehma li l-ksur ta' dik il-kundizzjoni "ma hiex ta' konsegwenza serja" fit-termini tal-*proviso* tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 579, tinbet fil-plegg, u bhalu fl-imputat jew akkuzat li jkun ghamel garanzija personali (Art. 577(2)), <u>l-obbligazzjoni</u> li jhallas lill-Gvern is-somma li ghaliha jkun intrabat. Jekk din is-somma ma tithallasx, irrispettivament jekk ghandha tithallas mill-plegg jew mill-imputat jew akkuzat, jinhareg mandat ta' arrest kontra l-plegg jew kontra l-imputat jew akkuzat (Art. 585(1)(2)), u sia wiehed kif ukoll l-iehor "jinzammu f'detenzjoni ghal zmien ta' mhux aktar minn gurnata ghal kull hames liri ta' dik is-somma" (Art. 586(1)). Ghalhekk hawnhekk ghandna arrest mhux minhabba l-kummissjoni ta' reat jew minhabba suspett ragjonevoli li persuna kkommettiet reat, izda "sabiex jigi zgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-ligi" – Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni. Jerga' jigi ribadit, pero`, li l-appellant f'ebda stadju ma invoka xi ksur ta' l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jew tad-disposizzjoni korrispondenti tal-Kostituzzjoni. Dan qed jinghad ghax huwa minnu li l-gurisprudenza ta' Strasbourg – gurisprudenza li tirrigwarda proprju l-Artikolu 5(1)(b)

[4] Ara l-Artikolu 579(2)(3) tal-Kodici Kriminali – l-imsemmija subartikoli (2) u (3), flimkien mas-subartikolu (4), gew introdotti bl-Att XVI ta' l-2006, b'effett mit-3 ta' Ottubru 2006, u ghalhekk kienu inapplikabbli meta r-rikorrent appellant kiser il-kundizzjoni li dwarha ppronunzjat ruhha l-Qorti Kriminali fid-digriet taghha tas-6 ta' Gunju 2006.

[5] **586(1)**: "Kull min jigi arrestat minhabba li ma jkunx hallas is-somma li ghaliha jkun obbliga ruhhu, ghandu jinzamm f'detenzjoni ghal zmien ta' mhux aktar minn gurnata ghal kull hames liri ta' dik is-somma, <u>sew jekk dik il-persuna tkun l-imputat jew l-akkuzat, sew jekk tkun il-plegg</u>" (sottlinear ta' din il-Qorti).

imsemmi – tezigi li ghandu jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-privazzjoni tal-liberta` u t-twettiq ta' l-obbligu preskritt mil-ligi, u dan fis-sens li mhux biss dak l-obbligu ghandu jkun specifiku u konkret, izda d-detenzjoni m'ghandhiex tkun ghal zmien aktar milli huwa mehtieg biex dak l-obbligu jitwettaq, li ma ghandu jkun hemm ebda arbitrarjeta` fid-detenzjoni in kwistjoni. Dan johrog specjalment minn analizi ta' tlett kazijiet in partikolari: **McVeigh, O'Neill and Evans v. UK**[6]**, Benham v. UK**[7] u **Vasileva v. Denmark**[8]. A propositu ta' dan l-aspett, cioe` fil-kuntest tal-Artikolu 5(1)(b), Karen Reid, fil-ktieb ***A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights***[9] tikkummenta hekk:

**""This head of detention requires that a measure is taken to secure the execution of specific and concrete obligations. The obligation does not have to arise from a court order, but may also derive from the law *per se*, although it must be sufficiently specific and concrete…The aim of the detention must be to secure the fulfilment of the obligation, not to punish…Relying on *McVeigh*, the court has stated that a balance must be drawn between the importance in a democratic society of securing the immediate fulfilment of the obligation and the importance of the right to liberty, in which balance duration is a significant factor. Thus, in *Nowicka v. Poland*** [3/12/2002]**, the detention of the applicant for 83 days for the purpose of obtaining two psychiatric examinations in the context of a private neighbour dispute disclosed a violation, particularly as she was held for weeks before each examination and also post examination. In *Vasileva v. Denmark*, detention for more than 13 hours of a 67-year old woman, who had refused to give the police information about her identity, was found to exceed the time proportionate to the cause of her detention."** [10]

---

[6] Article 31 Report. 25 DR 15 (1981).
[7] (1996) 22 EHRR 293.
[8] [2003] ECHR 457.
[9] 2nd ed. Sweet & Maxwell (London) 2004.
[10] Para. IIB-075, pp. 246-247.

“Fil-kaz in dizamina, apparti l-ammont involut – Lm10,000 fil-valuta pre-Euro – ghandna mhux biss obbligazzjoni cara li l-appellant dahal ghaliha – cioe` li jhallas l-imsemmija somma jekk huwa jikser xi wahda mill-kundizzjonijiet li tahthom huwa nghata l-helsien mill-arrest preventiv – izda il-konsegwenzi jekk huwa ma jhallasx huma wkoll cari, minghajr ebda ambigwita` jew arbitrarjeta`, u kienu maghrufa minnu sa mill-mument li huwa ffirma ghal dik l-obbligazzjoni, u cioe` li huwa jinzamm detenut b’rata stabbilita sakemm huwa effettivament ihallas. Huwa minnu li f’dan il-kaz ma hemmx “ceiling” bhalma hemm fil-kaz tal-multa (li hija, pero`, piena) skond il-proviso ta’ l-Artikolu 11(3) tal-Kap. 9, pero` dan ma jnaqqas xejn mill-proporzjonalita` bejn l-obbligazzjoni u l-konsegwenzi fil-kaz ta’ nuqqas ta’ twettiq ta’ dik l-obbligazzjoni. Hawn si tratta ta’ obbligazzjoni li l-imputat jew akkuzat, jew il-plegg, jidhol ghaliha biex jigi assigurat li l-istess imputat jew akkuzat joqghod ghall-kundizzjonijiet kollha tal-helsien mill-arrest preventiv, kundizzjonijiet li, fin-nuqqas ta’ impunjazzjoni bi proceduri gudizzjarji appoziti, ghandhom jitqiesu li kienu mehtiega fil-kaz *de quo* biex tigi salvagwardata r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja fil-proceduri kriminali kontra l-imputat jew akkuzat. Tkun haga nefasta ghall-ahhar li kieku l-ligi tippermetti li persuna l-ewwel tobbliga ruhha f’somma partikolari – b’konsegwenzi pre-determinati fin-nuqqas ta’ pagament ta’ dik is-somma – u wara tassolvi lil dik il-persuna minn dawk l-obbligi meta huwa ma jhallasx. Kieku kien hekk, mhux biss l-istitut tal-garanzija personali izda, u aghar, dak tal-plegg (ossia it-terz idoneju garanti – il-forma ewlenija u l-aktar rakkomandabbli ta’ kif ghandha ssir il-garanzija) jigu fix-xejn ghax dak li jkun jibda jintrabat meta jkun jaf li dik ir-rabta tista’ ma tkun tfisser xejn jew kwazi xejn fil-prattika.

“Dan kollu li ghadu kif inghad fil-kuntest tal-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni japplika egwalment u b’aktar forza ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni invokati mill-appellant. Id-detenzjoni ta’ l-appellant b’rata pre-stabbilita sakemm huwa jhallas dak li huwa obbliga ruhu li jhallas, la oggettivament u

lanqas soggettivament (f'dan il-kaz ma ingiebux xi provi taht l-aspett soggettiv) ma tersaq imqar lejn il-minimu ta' dak li huwa rikonoxxut bhala li jammonta ghal piena jew trattament inuman jew degradanti. L-appellant f'ebda stadju, la qabel ma ffirma l-obbligazzjoni u anqas wara, ma allega li l-ammont ta' Lm10,000 kien sproporzjonat jew li ma kienx jidhol fil-mezzi li kienu a disposizzjoni tieghu. Irrispettivament minn jekk hawn ghadniex "piena" jew "trattament" – l-appellant jikkontendi li hawn si tratta ta' piena – iz-zmien tad-detenzjoni huwa immaterjali ghas-semplici raguni li dan kien pre-stabbilit minn qabel ma huwa ffirma. Il-fatti u c-cirkostanzi fil-kazijiet li ghalihom jaghmel referenza l-appellant – **Tyrer v. UK**, **Soering v. UK**, **Leger v. France** u **Weeks v. UK** – huma *toto coelo* differenti mill-fatti u cirkostanzi f'din il-kawza. Kif tispjega Karen Reid fil-ktieb aktar 'l fuq imsemmi:

**""Matters of length of sentence are generally outside the scope of this provision** [Art. 3]**. However elements of shocking disproportionality could raise an exception. In *Weeks v. United Kingdom*, where the applicant aged 17 received a life sentence for robbery of 35 pence, the Court commented, in finding that discretionary life sentences attracted the right to review of lawfulness of continued detention, that otherwise a life sentence for such a minor crime by a young person would have been doubtfully compatible with Art. 3. The Commssion has hinted that extradition where a person would be prosecuted for political offences or his political views or would receive an unjustified and disproportionate sentence would raise issues under Art. 3. Extreme old age is not a bar as such to detention or imprisonment, although the Court has not excluded that issues could arise and examines the individual circumstances of each case. Dtetaining a severely disabled person, without requisite provision for their needs, may raise problems, as in *Price v. United Kingdom*, where the applicant, a four limb deficient thalidomide victim with numerous health problems,**

**including defective kidneys was committed to prison for contempt.”** [11]

“Minn qari akkurat tas-sentenza fil-kaz ta’ **Leger**[12] jidher car li l-problemi ta’ nuqqas ta’ proporzjonalita` f’dan ir-rigward jistghu jqumu f’kazijiet ta’ *indeterminate sentences*, inkluzi sentenzi ta’ prigunerija ghall-ghomor, u mhux f’kaz bhal dak in dizamina fejn wiehed ikun jaf ezatt min qabel x’inhi l-konsegwenza jekk hu jonqos mill-obbligazzjoni tieghu. Ghall-kompletezza din il-Qorti ser tirriproduci l-paragrafi 89 u 90 mill-imsemmija sentenza **Leger v. France**:

**““1. Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see *Ireland v. the United Kingdom*, 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, § 162).**

**““2. The Court has previously stated that “one could have ... doubts” as to the compatibility with Article 3 of an “indeterminate sentence” imposed on a minor, if it had not been for the specific reasons advanced (see *Weeks*, cited above, pp. 25-26, § 47; *Hussain*, cited above, p. 269, § 53; *T. v. the United Kingdom*, cited above, § 99; and *V. v. the United Kingdom*, cited above, § 100). Furthermore, in the case of adults the Court has not ruled out the possibility that in special circumstances an irreducible life sentence might also raise an issue under the Convention where there is no hope of entitlement to a measure such as parole (see *Nivette v. France* (dec.), no. 44190/98, ECHR 2001-VII; *Einhorn*, cited above; *Sawoniuk*, cited above; and *Partington v. the United Kingdom* (dec.), no. 58853/00, 26 June 2003).”**

---

[11] Para. IIB-422, pp. 524-525.

[12] **Leger v. France** 11/4/2006, fejn il-Qorti ta’ Strasbourg sabet, b’decizjoni mhux unanima, li ma kien hemm la vjolazzjoni ta’ l-Art. 5(1)(a) u lanqas vjolazzjoni ta’ l-Art. 3. Il-kaz gie riferut lill-*Grand Chamber*.

"In konkluzjoni, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma tara li hemm xejn fil-kaz odjern li minimament iqarreb lejn l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghal dak li hu piena jew trattament inuman jew degradanti."

**8.** Din il-Qorti kkwotat estensivament mill-kaz ta' **Gatt** ghax, fil-verita`, ma tara li ngieb ebda argument gdid li jista' b'xi mod jiddiskosta lil din il-Qorti mill-konkluzjoni raggunta fl-imsemmija sentenza. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-appellant odjern jinheles mid-detenzjoni appena – perjodu ta' detenzjoni pre-determinat – kif appena huwa jwettaq l-obbligazzjoni li huwa dahal ghaliha u cioe` li jhallas is-somma ta' Lm3,000 bhala garanzija personali.

**Decide**

**9.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dina l-istanza jithallsu mill-appellant Ian Xuereb.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------